



Brussell, 4 ta' Settembru 2020
(OR. en)

10340/20

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0365 (COD)

EF 197
ECOFIN 755
CODEC 739

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Nru. dok. preċ.: 9397/20	
Nru dok. Cion:	COM(2016) 856 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar qafas għall-irkupru u r-risoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012, u (UE) Nru 2015/2365 u d-Direttivi 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE u (UE) 2017/1132 - <i>Qbil politiku</i>

I. INTRODIZZJONI

1. Fit-28 ta' Novembru 2016 il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-risoluzzjoni tal-Kontropartijiet Ċentrali (CCPs), biex b'hekk jiġi żgurat li kemm is-CCPs kif ukoll l-awtoritajiet nazzjonali fl-UE jkollhom il-mezzi biex jaġixxu b'mod deċiżiv f'każ li CCP tiffaċċa diffikultà serja jew falliment.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

2. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar is-Servizzi Finanzjarji fi sbatax-il laqgħa matul il-Presidenza Slovakkja, Maltija, Estonjana, Rumena u dik Finlandiża.

¹ Dokumenti 14835/16 + ADD 1 + ADD 2 + ADD 3

3. Fis-27 ta' Marzu 2019, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni leġislattiva bil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari².
4. Fl-4 ta' Diċembru 2019, il-COREPER qabel dwar mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew³.
5. Saru erba' trilogi matul il-Presidenza Kroata u fit-23 ta' Ġunju 2020, intlaħaq qbil proviżorju mal-Parlament Ewropew dwar it-test tar-Regolament dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tas-CCPs. Fit-22 ta' Lulju 2020, il-COREPER approva t-test ta' kompromess finali tar-Regolament⁴.
6. Fit-2 ta' Settembru 2020, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) tal-Parlament Ewropew ivvota favur it-test maqbul.
7. Fit-3 ta' Settembru 2020, il-President tal-Kumitat ECON indirizzat ittra lill-Presidenza fejn indikat li kienet ser tirrakkomanda lill-Plenarja sabiex il-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata, soġġetta għal verifika mill-ġuristi-lingwisti, fit-tieni qari tal-Parlament. L-ittra, inkluż it-test innegożjat tar-Regolament, hija riprodotta fid-dokument 10341/20.
8. It-test li jinsab fl-Anness għal dik l-ittra jinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota. Dak it-test huwa identiku għat-test ta' kompromess approvat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fil-22 ta' Lulju 2020.

III. KONKLUŻJONI

9. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil milħuq mal-Parlament Ewropew, kif jinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota,

² 7740/19.

³ 14540/19.

⁴ 9397/20.

- jistieden lill-Kunsill jadotta qbil politiku dwar it-test ta' dan ir-Regolament.

Wara l-adozzjoni tal-qbil politiku, it-testi ser jintbagħtu għar-reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti sabiex il-Kunsill ikun jista' jadotta l-pożizzjoni tal-ewwel qari tiegħu bħala punt "A" f'Kunsill li jmiss. Sussegwentement, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ser tiġi kkomunikata lill-Parlament Ewropew bil-għan li tiġi approvata mill-Plenarja mingħajr emendi fit-tieni qari.
